**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Saviour Baldacchino**
**Spettur Roderick Agius**
**vs**
**Donatella Armeni**

**Illum it-Tnejn 22 t'Awissu, 2016**

**Kaz Numru 389/2016**

Il-Qorti;

Rat li Donatella Armeni detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 33281M, giet akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-01:00hrs gewwa 'Kevin's Stationery' fi Triq it-Tabib N. Zammit fis-Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Kevin Camilleri, u/jew xi persuni jew entitajiet ohra.

2. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u/jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq hgieg tal-vetrina tal-hanut 'Kevin's Stationery' fi triq it-Tabib N. Zammit fis-Siggiewi liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' Kevin Camilleri.

3. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-00.15hrs gewwa 'Grab & Co @ your convenience' gewwa Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-mezz, u bil-hin ghad-detriment ta' Daniel Zammit, u/jew xi persuni jew entitajiet ohra.

4. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u/jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq il-faccata tal-hanut 'Grab & Co @ your convenience' gewwa Triq Dun Manuel Zammit, Siggiewi liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' Daniel Zammit.

5. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta ta' 00.15hrs gewwa 'E&M Secure' gewwa Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-mezz, u bil-hin ghad-detriment ta' Alan Agius, u/jew xi persuni jew entitajiet ohra.

6. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u/jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq il-faccata tal-hanut E&M Secure gewwa Triq Dun Manuel Zammit, Siggiewi liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' Alan Agius.

7. Kif ukoll talli f'xi hin mhux mgharuf matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2016 ikkommettiet serq ta' sikkina kif ukoll flus kontanti minn gewwa vettura li kienet parkeggjata matul triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorti ta'l-oggett misruq ghad-detriment ta' Colin Abdilla u/jew xi persuni jew entitajiet ohra.

8. U wkoll talli fl-istess dati lok hinijiet u cirkustanzi gewwa Siggiewi zammet f'xi fond jew kellha fil-pussess taghha, taht il-kontroll taghha jew garret barra minn xi fond jew fid-dintorni taghha arma rregulari u cioe' sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

9. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi garret, uzat, akkwistat jew kellha fil-pussess taghha arma irregolari fil-waqt li kienet qed tigi arrestata ghal delitt u cioe' fil-waqt li kienet qed tikommetti serq aggravat.

10. Talli kkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' helsien mill-htija bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor u dan mghoti minn Magistrat Dr. T. Micallef Trigona nhar 19/11/2015 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

11. Il-Qorti giet gentilment mitluba biex titratta ma' Donatella Armeni bhala recidivista ta' sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li ezaminat l-Artikoli 18, 41, 261(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 277, 278, 279(b), 280(2), 281 u 325(1()(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1), 5(2) u 55(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligjiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-ufficcjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 25 ta' Lulju 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-fedina penali aggornata ta' l-imputata[1], certifikat tat-twelid ta' l-imputata[2], okkorrenza[3], stqarrija ta' l-imputata datata 25 ta' Lulju 2016[4], dettalji personali ta' l-imputata[5] u dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali[6].

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata waqt l-istess seduta datata 8 t'Awwissu 2016 u cioe fl-ewwel opportunita moghtija lilha quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, setghet terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'qorti ta' gudikatura kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Illi l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghha, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja taghhom.

---

[1] A fol 10 tal-process
[2] A fol 11 tal-process
[3] A fol 12 sa 18 tal-process
[4] A fol 19 sa 20 tal-process
[5] A fol 21 sa 22 tal-process
[6] A fol 23 tal-process

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputata li tinsab ezebita fl-att a fol 10 tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta illi f'perjodu ta' disa' snin l-imputata kellha diga' xi udjenzi quddiem il-Qorti u nstabet hatja ta' diversi reati fejn giet moghtija Probation. Illi ghalhekk l-imputata ma jidhirx li tghallmet minn dawn l-esperjenzi u ma sfruttatx l-opportuntitajiet moghtija lilha mill-Qorti tant li spiccat quddiem din il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti ghalhekk fic-cirkonstanzi thoss illi ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva.

Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tiehux ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata, oltre dan il-Qorti qed tqis dak li stqarret l-istess imputata fl-istqarrija rilaxxjata minnha u cioe li ghandha problema ta' droga oltre wkoll li tinsab minghajr flus u *homeless.*

Decide:-

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu l-Artikoli 18, 41, 261(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 277, 278, 279(b), 280(2), 281 u 325(1()(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1), 5(2) u 55(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib l-imputata Donatella Armeni hatja ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha salv u b'eccezzjoni ghal dik l-akkuza fejn giet akkuzata talli wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dottor T. Micallef Trigona fid-19 ta' Novembru 2015 . Fil-konfront tal-akkuzi li din il-Qorti sabet lill-imputata Donatella Armeni hatja taghhom, qed tikkundannaha kumplessivament ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.**

**Fir-rigward tal-akkuza talli wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dottor T. Micallef Trigona fid-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lill-imputata Donatella Armeni quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor T. Micallef Trigona sabiex jitratta maghha dwar il-ksur tal-Probation kif moghtija lilha minnu permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2015.**

**Finalment din il-Qorti qeghda tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jghati l-ghajnuna kollha possibbli lill-hatja biex teghleb il-vizzju tad-droga li hija ghandha u dan waqt il-permanenza taghha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u tirrakomanda wkoll biex tithalla fejn ikun possibbli biex taghmel xoghol fil-komunita'**

**biex ladarba l-imputata tiskonta s-sentenza taghha kif fuq imposta, tkun persuna riformata u lesta biex terga' tinserixxi ruhha fis-socjeta'.**

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma' l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**